AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

28 ta' April 2026

Id-Dħul tar-Reviżjoni 2.1 tan-NACE fl-Istqarrijiet tal-Aħbarijiet

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) sa jkun qiegħed jaddotta l-klassifikazzjoni aġġornata tal-attivitajiet ekonomiċi, ir-Reviżjoni 2.1 tan-NACE (NACE Rev. 2.1), skont l-iżviluppi fil-livell Ewropew, ikkordinati minn Eurostat.

Sa mit-tnedija tiegħu fl-1970, in-NACE evolva permezz t'erba' reviżjonijiet ewlenin, biex jirrifletti l-bidliet strutturali fl-ekonomija, u mexa mill-klassifikazzjoni oriġinali għar-Reviżjoni 2.1 tan-NACE fl-2023. In-NACE hija sistema standard użata fl-Unjoni Ewropea għall-klassifikazzjoni tan-negozji u l-attivitajiet ekonomiċi, li dan l-aħħar kienet aġġornata. Għaldaqstant, kull min ikun qiegħed jara stqarrijiet li jsemmu r-Reviżjoni 2.1 tan-NACE għandu jqis dan it-tibdil ewlieni li ġej fl-istruttura u l-metodoloġija.

Ir-Reviżjoni 2.1 tan-NACE kienet addottata mill-Kummissjoni Ewropea biex taħseb għat-tibdil strutturali li seħħ fl-ekonomija Ewropea, fosthom id-dehra t'għamliet ġodda ta' attivitajiet ekonomiċi u l-iżviluppi f'oqsma eżistenti minn meta kienet daħlet il-verżjoni ta' qabel (NACE Rev. 2). It-tibdil fil-livell tat-taqsim li daħal bir-Reviżjoni 2.1 tan-NACE jinkludi:

1. Taqsima J tan-NACE Rev. 2 inqasmet f'żewġ taqsimiet: Taqsima J, *'Attivitajiet ta' pubblikazzjoni, xandir, u produzzjoni u distribuzzjoni ta' kontenut'* u Taqsima K *'Telekomunikazzjoni, ipprogrammar tal-kompjuter, konsulenza, infrastruttura tal-informatika u attivitajiet oħra ta' servizz ta' informazzjoni'*. B'hekk, it-taqsimiet kollha tar-Reviżjoni 2.1 tan-NACE, li jiġu wara, resqu 'l fuq b'ittra;

2. Grupp 41.1 'L-iżvilupp ta' proġetti ta' bini' tneħħa minn Taqsima F. Il-klassi waħdanija tiegħu, 41.10, kienet ikklassifikata mill-ġdid fi klassi 68.12 f'Taqsima M (qabel kienet Taqsima L);

3. Diviżjoni 45 *'Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi'* m'għadhiex f'Taqsima G. Il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut ta' vetturi bil-mutur u muturi marru f'Diviżjonijiet 46 u 47 rispettivament, filwaqt li l-attivitajiet ta' manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi marru f'Taqsima T (qabel kienet Taqsima S);

4. Il-klassifikazzjoni tal-attività tal-kiri ta' proprjetà immobbli kienet irfinuta: il-kiri ta' proprjetà proprja jew miżmuma b'kera għal żmien ta' inqas minn sena issa ġie kklassifikat f'Diviżjoni 55 (Taqsima I), filwaqt li l-kiri għal sena jew aktar baqa' f'Diviżjoni 68 (Taqsima M – qabel kienet Taqsima L).

Id-dħul tar-Reviżjoni 2.1 tan-NACE itejjeb ir-rilevanza analitika, il-koerenza u l-komparibbiltà tal-istatistika maqsuma bl-attività ekonomika, filwaqt li jibqa' jżomm mal-istandards Ewropej tal-istatistika u l-ħtiġijiet, li jinbidlu, ta' min ikun qed juża l-istatistika.

Ir-Regolament (UE) 2023/137, li jistabbilixxi r-Reviżjoni 2.1 tan-NACE bl-emendi tar-Regolament tan-NACE, kien ippubblikat f'Jannar 2023. Aktar tagħrif jinsab fl-artiklu tal-aħbarijiet tal-Eurostat: NACE Rev. 2.1 classification is now official. Il-manwal tar-Reviżjoni 2.1 tan-NACE jintlaħaq minn din il-ħolqa.